



Brussell, 13 ta' Marzu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0140 (COD)

5142/20
ADD 1

TRANS 12
MAR 6
TELECOM 4
MI 7
COMER 2
CYBER 3
ENFOCUSTOM 3
DATAPROTECT 4
IA 2
CODEC 17

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija
– Abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mit-tielet pakkett "Ewropa Attiva", li hu mfassal biex jagħmel il-mobilità Ewropea aktar sikura, aktar nadifa, aktar effiċjenti u aktar aċċessibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2018. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2019.

4. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2019.
5. In-negozjati mal-Parlament Ewropew bdew fil-25 ta' Settembru 2019. It-tielet u l-aħħar trilogu informali sar fis-26 ta' Novembru 2019, fejn intlaħaq qbil proviżorju ġenerali.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti wettaq l-analiżi tiegħu tat-test ta' kompromess proviżorju bil-ħsieb ta' qbil fit-18 ta' Diċembru 2019¹.
7. Il-kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-istess test ta' kompromess proviżorju fil-21 ta' Jannar 2020. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew indirizza ittra bid-data tat-23 ta' Jannar lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn stqarr li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari skont il-qbil proviżorju ġenerali miftiehem, hi tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.
8. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku² dwar il-proposta bil-ħsieb li tiġi adottata pożizzjoni fl-ewwel qari.
9. Wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, fl-24 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif jinsab fid-dok. 5142/20.

II. OĠĠETTIV

10. L-oġġettiv ġenerali tal-proposta hu li jiġi stabbilit qafas legali uniformi għat-trasmissjoni tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija u b'hekk jingħata kontribut għal aktar effiċjenza fis-settur tat-trasport.

¹ 14793/1/19 REV 1, 14793/19 ADD 1 u 14793/1/19 REV 1 COR 1.

² 5394/20.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

11. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-ksieb li jintlaħaq qbil.
12. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari temenda l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni billi tabbozzaha mill-ġdid parzjalment abbażi tal-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew.

B. Kwistjonijiet ta' politika ewlenin

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-bidliet ewlenin li ġejjin:

(a) Kamp ta' applikazzjoni

14. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-pożizzjoni tal-Kunsill tispjega fid-dettall il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fil-parti normattiva minflok fl-Annessi, kif propost inizjalment mill-Kummissjoni.

(b) Rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti

15. Peress li dan ir-Regolament ma jistax jiġi applikat b'mod effettiv qabel ma jkunu daħlu fis-seħħ l-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti fih, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiċċara r-rabta bejn iż-żmien tal-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati u dawk ta' implimentazzjoni u d-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti. B'mod aktar speċifiku, din tistipula li l-awtoritajiet kompetenti ser ikunu obbligati jaċċettaw informazzjoni regolatorja li tkun saret disponibbli elettronikament mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati minn 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-ewwel wieħed mill-atti delegati u ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament.

(c) Atti delegati u ta' implimentazzjoni

16. Fir-rigward tal-valutazzjoni tan-natura tas-setgħat li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet relatati mal-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' "Sett ta' data tal-eFTI, proċeduri u regoli għall-aċċess komuni" ġew separati f'artikoli distinti fil-pożizzjoni tal-Kunsill.
17. B'mod partikolari, hu previst li l-Kummissjoni ser tistabbilixxi s-"sett ta' data komuni tal-eFTI u s-sottosettijiet tad-data tal-eFTI" permezz ta' atti delegati (Artikolu 7), u tiddefinixxi "Proċeduri u regoli għal aċċess komuni" (Artikolu 8) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tagħmilha ċara li l-ewwel tali atti delegati u ta' implimentazzjoni ser ikollhom jiġu adottati mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

(d) Rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI

19. Il-Kummissjoni ser tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti funzjonali tal-pjattaformi tal-eFTI. Bil-għan li s-sistema tal-eFTI tinżamm aġġornata, il-pożizzjoni tal-Kunsill tipprevedi li l-Kummissjoni, filwaqt li tiżviluppa dawn l-ispeċifikazzjonijiet, ser taħdem biex tiżgura l-interoperabbiltà tal-pjattaformi tal-eFTI, tiegħu kont tas-soluzzjonijiet u l-istandards tekniċi eżistenti rilevanti, u tiżgura li dawk l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu, sa fejn possibbli, teknoloġikament newtrali.

(e) Reviżjoni

20. Bil-ħsieb li jiġi ċċarat is-segwitu possibbli li għandu jsir għal dan ir-Regolament, il-pożizzjoni tal-Kunsill taggħusta l-klawżola ta' reviżjoni prevista fil-proposta tal-Kummissjoni.

21. B'mod partikolari, il-pożizzjoni tal-Kunsill (i) taġġusta d-data ta' skadenza sa meta l-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tar-Regolament, jiġifieri 8.5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, jew 4.5 snin wara d-data ta' applikazzjoni; u (ii) iżżid rekwiżit biex il-Kummissjoni tipprevedi valutazzjoni dwar jekk tistax tiġi stabbilita aktar interoperabbiltà bejn il-pjattaformi differenti użati għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' informazzjoni regolatorja, u valutazzjoni dwar jekk l-applikazzjoni tar-Regolament li jintużaw mezzi elettroniċi biex l-informazzjoni regolatorja tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tistax tkun obbligatorja għall-operaturi ekonomiċi. Fejn xieraq, huwa previst li din il-valutazzjoni tkun akkumpanjata minn proposta leġislattiva.

(e) *Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni*

22. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tiċċara l-kalendarju għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tipprevedi li jibda japplika erba' snin wara id-dħul fis-seħħ tiegħu bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 7, l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(2).

IV. KONKLUŻJONI

23. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Fir-rigward tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill josserva li għadd ta' emendi ġew diġà inklużi – fl-ispirtu, parzjalment jew kompletament – fil-pożizzjoni tiegħu.
24. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u hija pass sinifikanti 'l quddiem lejn id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport, li ser twassal għal proċeduri amministrattivi aktar sempliċi u għal aktar effiċjenza fis-settur tat-trasport.